MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 355/2005

**Harbour Management Limited**

**Vs**

**Kenneth William Donaldson u MY Ariel of Cuan**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta Jannar 2005, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u sitta u ghoxrin lira u sittin centezmu (Lm1026.60) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma obbligi assunti in forza ta kuntratt datat 11 ta Awissu 2004 Dok A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta ittra legali datata 29 ta Dicembru 2004 Dok B u bl-imghaxijiet skond il-ligi dekorribbli mit-3 ta Jannar 2005 kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur noe sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati legalment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tad-9 ta Novembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta ta elf u sitta u ghoxrin lira u sittin centezmu (Lm1026.60) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta din il-procedura u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenuti..

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------